# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 403/2017 PM1**

**M. Demajo & Company Limited (C2523)**

**Vs**

**Mauro Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 t' Awwissu, elfejn u sbatax (2017) permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet illi, ghar-ragunijiet hemhekk premessi, l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn, erba' mija u hames Ewro u wiehed u disghin centezmu (€2405.91) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) sal-jum tal-pagament effettiv; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li waqt is-seduta tal-20 t'Ottubru, deher l-intimat assistit minn Dr. Mario Mifsud li ddikjara li l-ammont mhux kontestat salv illi l-intimat xtaq li jkollu terminu sabiex jaffetwa pagamenti rateali u li, in vista ta' tali dikjarazzjoni min-naha tal-intimat it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghal-lum ghall-probabbli transazzjoni.

Ra li waqt is-seduta tal-lum, Dr. Mario Mifsud a nom tal-intimat prezenti ammetta t-talbiet attrici permezz tan-nota relattiva.

**Ikkunsidra**

Illi mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat u waqt is-seduta tal-lum stess ammetta t-talbiet kif dedotti fir-rikors permezz tad-debita nota ta' ammissjoni prezentata *seduta stante* mill-avukat difensur tieghu sottofirmata mill-intimat u fil-presenza tal-istess intimat.

Illi l-kawza giet posposta ghas-sentenza in vista ta' tali ammissjoni da parti tal-intimat.

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni surreferita, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess kumpannija attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u hames euros u wiehed u disghin centezmi (€2405.91) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-hmistax (15) ta' Gunju, elfejn u sbatax (2017) sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment mal-azzjoni odjerna kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**